# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

## Laqgħa Nru. 43 (Is-Seba' Terminu)

Data: 28 ta' Lulju, 2016

Hin: 7.00pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sur Ruben Cassar | - Segretarju Eżekuttiv |
| | Sur Matthew Attard | - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Assenti: | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Attivitajiet;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Materja oħra;
8. Aġġornament.

## 1. Talba

**1.01** Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**1.02** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud kienet infurmatu li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsilliera Mifsud tiġi skużata.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-42

**2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 4. Korrispondenza

**4.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 4/2016 – Għeluq tal-proċess ta' intervisti għall-kandidati għall-Iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita (CIES).

**4.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 5/2016 – Kjarifika għaċ-Ċirkulari 2/2016 – Permessi għall-Ħatt ta' Merkanzija minn fuq trailers.

**4.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 6/2016 – Obbligi u Dmirijiet tas-Segretarji Eżekuttivi.

**4.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 7/2016 – Ġbir ta' Data dwar Aged Creditors Balance sat-30 ta' Ġunju 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bagħat l-informazzjoni mitluba.

**4.05** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 8/2016 – Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita – Libreriji Lokali/Reġjonali. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna naplikaw biex inġibu fondi speċjali minn din l-iskema biex nixtru b'€600 kotba. Il-Kunsill qabel li napplikaw għall-massimu tas-somma u għalhekk il-Kunsill irid jixtri b'€600 oħra f'kotba. Għalhekk b'kollox irridu nixtru b'€1200 f'kotba ġodda għal-librerija u nieħdu lura €600 minn din l-iskema speċjali. Il-Kunsill qabel li l-librara Marvic Attard Briffa għandha tixtri l-kotba li hemm bżonn għal-librerija.

**4.06** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016. Il-Kunsill b'dispjaċir innota li din l-iskema tapplika biss għall-Kunsilli ta' Malta u għalhekk aħna ma nistgħux napplikaw.

**4.07** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 10/2016 – Tagħrif fuq Inizjattivi dwar Faċilitajiet ta' Parkeġġ fil-lokalitajiet.

**4.08** Dr Joseph Bezzina (Assistant National Achivist) mill-Arkivji Nazzjonali informa lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex dwar esibizzjoni ta' niċeċ f'Għawdex li ser issir f'Ottubru ta' din is-sena fis-sala tal-Arkivji r-Rabat. Il-Kunsill ġie mitlub biex jipproponi tlett niċeċ sabiex tinkiteb l-istorja tagħhom u jiġu esibiti. Il-Kunsill qabel li nieħdu l-parir ta' Toni Calleja dwar liema niċeċ għandna ninkludu. Il-Kunsill qabel ukoll li jixtri kartolini li se jinħarġu apposta f'din l-okkażjoni għal prezz ta' €25.

**4.09** Transport Malta infurmaw lill-Kunsilli Lokali li qed jilqgħu suġġerimenti fejn jistgħu isiru electric vehicle charging points. Għalkemm qed jilqgħu s-suġġerimenti l-għażla finali se tkun tagħhom. Il-Kunsill qabel li nissuġġerixxu Triq il-Fanal fejn kien hemm il-Bring in Sites.

**4.10** Pablo Vassallo u George Casha, President u Segretarju ta' Malta Mini Owners Club rispettivatament infurmaw lill-Kunsill dwar wirja bil-karozzi tat-tip Mini li jixtiequ jagħmlu nhar il-Ħadd 31 ta' Lulju 2016. Il-Kunsill qabel li issir din il-wirja u għalhekk ser isiru l-avviżi meħtieġa. Se jiġi ordnat ukoll servizz ta' Traffic Officer sabiex jikkontrolla t-traffiku waqt l-attivita li ser issir fi Pjazza s-Salvatur bejn id-9.30am u l-11.00am.

## 5. Offerta – Street and Road Cleaning Services in an Environmentally Friendly Manner at L-Għasri, Gozo

**5.01** Din l-offerta għalqet fit-22 ta' Lulju. Din l-offerta ħarġet online bis-sistema ePPs u għalhekk l-offerti infetħu online ukoll. Kuntrattur wieħed tefa' l-offerta tiegħu sal-ħin tal-egħluq.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li n-Nutara Roberta Cassar ma setgħetx isservi bħala membru tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti u għalhekk ippropona lin-Nutara Josette Spiteri Cauchi. Il-Kunsill qabel unanimment ma' din in-nominazzjoni. Għalhekk jekk in-Nutara Josett Spiteri Cauchi taċċetta din in-nomina l-Bord ta' Evalwazzjoni ser ikun hekk:- Dr Joshua Grech (Chairperson), Dr Josette Spiteri Cauchi, Perit Mario Cordina u William Sultana (Evaluators) filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv ikun is-Segretarju tal-Bord. Il-Kunsill approva unanimament sabiex il-Bord ikun jista' jibda l-proċess tal-għażla tal-offerta.

## 6. Attivitajiet

**6.01** Kif kien approvat fl-aħħar laqgħat il-Kunsill qabel li jiġu organizzati diversi attivitajiet matul is-sajf 2016. Waħda mill-attivitajiet hija Skola Sajf. Sfortunatament applikaw biss tlett'itfal u li huma ta' etajiet differenti u għalhekk ma tistax tgħaqqad tal-inqas klassi waħda. Għalhekk l-iskola sajf għal din is-sena mhux ser issir.

**6.02** Kif ġie diskuss aktar kmieni l-Kunsill qabel li nhar il-Ħadd 31 ta' Lulju tiġi organizzata Car Show fi Pjazza s-Salvatur.

**6.03** Is-Sindku ippropona sabiex issir ħarġa bil-Calypso Train nhar il-Ħamis 11 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u qabel ukoll li l-prezzijiet għar-residenti tal-Għasri għandu ikun issussidjat.

**6.03** Is-Sindku ippropona sabiex issir ħarġa għall-familja f'Malta fejn fost affarijiet oħra inżuru Malta National Aquarium. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-avviżi u li l-ispejjeż tat-trasport ikun imħallas mill-Kunsill. Din il-ħarġa ser issir nhar is-Sibt 20 ta' Awwissu.

**6.04** Is-Sindku ippropona sabiex nhar is-Sibt 3 ta' Settembru nieħdu liż-żgħażagħ u anke familji li Splash and Fun f'Malta. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-avviżi u li l-prezz għandu ikun sussidjat mill-Kunsill.

**6.05** Is-Sindku ippropona sabiex għal Jum L-Għasri jiġi organizzat ukoll Wine Festival. Dan isir nhar is-Sibt 24 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jagħmel il-kuntatti u xogħlijiet meħtieġa biex dan il-festival ikun jista' jiġi organizzat.

**6.06** Għalkemm għadu ftit taż-żmien is-Sindku ippropona sabiex is-siġra tal-pjazza tiġi dekorata bi dwal għal żmien il-Milied. Is-Sindku qal li l-Kumitat tal-Festa se jgħin sabiex is-siġra tkun tista' tiġi dekorata. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-043 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 8. Materja oħra

**8.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia ippropona sabiex fi Triq il-Fanal kantuniera ma' Triq il-Ġonna u fl-istess triq kantuniera ma' Triq Għammar isiru sinjali tat-traffiku fin-nofs. B'hekk ikun hemm sinjal abjad li jindika n-nofs tat-triq u jiġu evitati inċidenti fejn vetturi fid-direzzjoni opposti jaħbtu ma' xulxin. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Farrugia u għalhekk ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta biex isiru dawn is-sinjali. Il-Kunsill qabel ukoll li niktbu SLOW fuq kull naħa fejn ser isiru dawn is-sinjali u b'hekk is-sewwieq inaqqas mil-veloċita.

**8.02** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva ilmenti dwar periklu li jista' jkun hemm fejn saru gandotti għall-ilma tax-xita fi Triq Wied Sara u Triq Wied L-Għasri. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jispezzjona dawn il-water culverts u jekk ikun meħtieġ isiru gradi biex jiġi evitat kull periklu.

**8.03** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva kwotazzjoni għall-bank biex jeħel fi Triq il-Fanal. Il-kwotazzjoni hi ta' Mario Mallia li bagħat kwotazzjoni għal żewġ tipi differenti ta' bank. Il-prezz ta' dawn il-bankijiet huwa ta' €365. Il-Kunsill qabel li dawn huma għoljin u għalhekk se inġibu aktar kwotazzjonijiet.

**8.04** Is-Sindku informa lill-Kunsill li ftit tal-jiem ilu kien ġie avviċinat minn Maria Georgette Spiteri fejn qaltlu li t-tifel tagħha kien involut f'inċident fil-Pjazza s-Salvatur. Fil-fatt it-tifel tagħha kien qed isuq ir-rota x'ħin għadda xi ħadd b'karozza u t-tifel biex ma ittajrux il-karozza baqa' dieħel fuq ir-roundabout tal-pjazza u ġarrab ġrieħi f'idu u sidru bit-tabella li hemm fl-istess roundabout. Is-Sindku ikkonferma li t-tabelli fit-truf tagħhom kienu imsaddin u jaqtgħu ħafna. Biex ineħħi l-periklu s-Sindku qala' dawn it-tabelli u ġew ordnati oħrajn ġodda. Is-Sindku qal li Maria Georgette kellha tieħu lit-tifel l-isptar fejn anke sarulu punti fuq il-ferita. Peress li biex tfieqlu l-ferita kellha tixtrilu xi ingwent hija talbet l-għajnuna tal-Kunsill. Hija talbet ukoll sabiex jinbidlu t-tabelli biex ma

jkunux ta' periklu għal tfal (u anke kbar) oħra. Fil-fatt it-tabelli diġa inbidlu u l-Kunsill qabel ukoll li jħallas l-ingwent kif mitlub minn Maria Georgett Spiteri.

**8.05** Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab sabiex isiru katusi għall-ilma tax-xita fl-inħawi ta' Triq il-Ġonna peress li l-kaptelli qed iċedu u jimblukkaw il-gandott. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex peress li dan huwa raba' tal-Gvern.

**8.06** Karen Millard ta' Sqaq Stella Maris talbet biex issir manutenzjoni tal-istess sqaq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan ix-xogħol diġa sar mill-ħaddiem tal-Kunsill. Fil-fatt l-isqaq ġie irranġat bis-siment peress li kien hemm ftit ħofor.

**8.07** Joseph Zammit ta' Triq il-Ġonna talab sabiex issir il-bankina mal-post il-ġdid peress li ma hemmx. Il-Kunsill qabel li għandna napplika mal-Gvern Ċentrali biex issir din il-bankina peress li meta bankina tkun ġdida trid issir mill-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li diġa għamel l-applikazzjoni fuq is-sistema tal-Customer Care biex din il-bankina tkun tista' issir.

**8.08** Il-Kunsill irċieva ilmenti dwar il-ħmieġ tal-ħamiem u l-mard li qed iġib. Maria Galea ta' Pjazza s-Salvatur, Charlot Dimenc u Joe Sammut minn Triq il-Knisja ilmentaw dwar din il-problema. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lill-awtoritajiet konċernati sabiex din il-problema tiġi ikkontrollata.

## 9. Aġġornament.

**9.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 31 ta' Awwissu 2016 fis-7.00pm.

**9.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 28 ta' Lulju, 2016